# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 318/13MH**

**Illum 8 ta' April, 2016**

**Martin Degabriele (KI 226254M)**

**vs**

**Toninu Bartolo (KI 143751M) u b'digriet tat-30 ta' Lulju, 2013 is-socjeta' Middlesea Insurance plc interveniet *in statu et terminis* li b' digriet tad-19 ta' Gunju, 2015 il-Qorti ordnat li Middlesea Insurance plc ghandu jaqra Mapfre Middlesea plc**

Il-Qorti:

## I. Preliminari

Rat **ir-Rikors Guramentat tal-attur** prezentat fl-4 t'April 2013 fejn gie premess:

1. *"Illi r-rikorrent jezercita n-negozju tieghu fis-settur tat-trasport privat, partikolarment f' dak tal-garr ta' passiggieri, u dan jaghmlu that l-isem ta' Oasis Travel.*

2. *Illi sabiex ikun jista' jwettaq dan in-negozju, ir-rikorrent ghandu diversi*

*impjegati u kif ukoll flotta ta' vetturi, fosthom vann tat-tip Ford Transit bin-Numru ta' Registrazzjoni GMY-077.*

3. *Illi nhar l-erbgha (4) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY-077 kienet qed tigi misjuqa fi Triq Tul il-Kosta, Naxxar minn certu Lawrence Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 272542M, meta din il-vettura giet involuta f' kollizjoni ma' vettura ohra tat-tip Chevrolet Corvette bin-numru tar-registrazzjoni VET-600, li kienet qed tigi misjuqa mill-intimat Toninu Bartolo.*

4. *Illi dan l-incident sehh unikament minhabba n-negligenza u n-non-osservanza tar-regoli tat-traffiku da part ital-intimat Toninu Bartolo.*

5. *Illi l-vettura tar-rikorrent garrbet hsara tant estensiva illi giet deskritta bhala fi stat ta' total loss.*

6. *Illi l-imsemmija vettura kienet tintuza mir-rikorrent fin-negozju tieghu, u ghalhekk kienet strument utli ghalih sabiex jiggenera l-introjtu tieghu, u ghalhekk, il-fatt illi din il-vettura ma setghetx tintuza b' kawza tal-incident wassal ghal telf ta' qliegh da parti tar-rikorrent.*

7. *Illi s-socjeta' assikuratrici tal-intimat Toninu Bartolo – senjatament Middlesea Insurance p.l.c., li kien assikurat maghha tramite Allcare Insurance Agency Ltd. – offriet pagament ghar-rizarciment tad-danni sofferti mir-rikorrent, fl-ammont ta' sbatax-il ef ewro (€17,000) bil-kundizzjoni lid an ikun pagament ghas-saldu, liema somma ma kinitx bizzejjed sabiex tkopri t-telf kollu soffert mir-rikorrent, u ghalhekk dan m' accettax tali somma bil-kundizzjoni lit kun pagament ghas-saldu tad-danni kollha minnu sofferti.*

8. *Illi qabel ma sehh l-incident ir-rikorrent kien diga' ikkommetta ruhu illi jaghmel certu xoghol ta' garr ta' passiggieri bil-vann in kwistjoni, u peress illi wara l-incident awtomobilistiku ma setax iwettaq l-obbligi li kien assuma stante li ma setax jintuza dan il-vann, kellu jirrifjuta dan ix-xoghol sakemm irrimpjazza dan il-vann b' vann iehor, u dang hall-perjodu ta' bejn l-erbgha (4) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012).*

9. *Illi effettivament ir-rikorrent kien diga' intrabat illi jwettaq diversi servizzi li ghalhekk kellu jirrifjuta, b' dan illi b' kollox irrifjuta xoghol fl-ammont ta' tnax-il elf mitejn u tletin ewro u sebghin centezmu tal-ewro (€12,230.70).*

10. *Illi sussegwentement is-socjeta' Middlesea Insurance p.l.c. iddepozitat is-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' cedola bin-numru 78/2013 (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A), sabiex tkun tista' tigi zbankata mir-rikorrent.*

11. *Illi r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex jindennizzah ghad-danni kollha sofferti minnu in konsegwenza tal-incident tat-traffiku tal-erbgha (4) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan anke permezz t' ittra ufficjali bin-numru 248/2013 (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B) izda dan baqa' inadempjenti.*

12. *Illi r-rikorrent ghalhekk kellu jintavola dawn il-proceduri.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:*

1. *Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-intimat Toninu Bartolo huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-erbgha (4) t' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fi Triq Tul il-Kosta, Naxxar bejn il-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni GMY-077 u VET-600 kif fuq premess.*

2. *Tiddikjara illi r-rikorrent sofra danni b' kawza tal-istess incident awtomobilistiku.*

3. *Tillikwida, okkorendo, jekk ikun il-kaz, bil-hatra ta' periti nominandi, id-danni konsegwenzjali ghall-istess incident sofferti mir-rikorrent.*

4. *Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' Danni.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) bin-numru 248/2013, u bl-imghax legali mid-data tal-incident kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-Dikjarazzjoni Guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-Risposta Guramentata tal-konvenut Toninu Bartolo**[1] prezentata fl-24 ta' Mejju 2013 li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

[1] Fol 15

1. *"Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tieghu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa ghamel il-claim relattiva mas-socjeta' assikuratrici tieghu sabiex isir il-hlas favur l-attur.*

2. *Illi l-pendenza li fadal hija se mai fil-konfront tas-socjetajiet assikuratrici Middlesea Insurance plc liema socjeta' assikuratrici ghandha tigi kjamata fil-kawza.*

3. *Illi ghalhekk l-esponent m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat ir-rikors tas-socjeta' assikuratrici Middlesea Insurance plc tal-20 ta' Gunju 2013[2] li permezz tieghu hija talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tintervjeni in statu et terminis fil-proceduri odjerni u tigi awtorizzata wkoll tipprezenta r-risposta taghha bil-miktub.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Lulju 2013[3] li permezz tieghu laqghet it-talba ta' din is-socjeta' assikuratrici.

Rat ir-**Risposta Guramentata tas-socjeta' ntervenuta Middlesea Insurance plc**[4] prezentata fid-19 ta' Awissu 2013 li permezz taghha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

---

[2] Fol 19
[3] Fol 22
[4] Fol 24

1. *"Illi r-responsabbilta' tal-assigurat tas-socjeta' intervenuta, Tonino Bartolo, ghall-incident li sehh fl-erbgha (4) t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY 077 u l-vettura VET 600, misjuqa mill-intimat, mhux qed tigi kontestata;*

2. *Illi madankollu, l-intervenuta fil-kawza ssostni illi ma hu dovut ebda ammont iehor ta' danni ghajr, fl-aghar ipotezi, sal-ammont li diga' gie offrut mill-intervenuta;*

3. *Illi sussidjarjament, il-quantum tad-danni allegati, jehtieg illi jigu ppruvati mill-attur;*

4. *Illi la l-intervenuta fil-kawza u lanqas l-assigurat taghha ma ghandhom jehlu spejjez u/jew imghaxijiet stante illi, kif stqarr l-istess attur, l-intervenuta fil-kawza kienet offriet somma ta' sbatax il elf Euro (Eur17,000) li giet sussegwentement depozitata fir-Registru tal-Qorti;*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dikjarazzjoni ta' fatti u l-lista tax-xhieda annessi mar-risposta guramentata tas-socjeta' intervenuta fil-kawza.

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u d-dokumenti esibiti minnhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet[5].

Rat id-digriet tal-5 ta' Frar 2016[6] li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza finali wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

## II. Sintezi tax-xhieda

Xehed **l-attur Martin Degabriele** permezz ta' affidavit[7] – Huwa jiggestixxi negozju bl-isem ta' *Oasis Travel* li jikkonsisti primarjament f'servizz bhala *tour operators* lit-turisti u servizz ta' trasport lil tfal tal-iskola. Nhar l-4 t'Ottubru 2012, *minibus* li kien jifforma parti mill-flotta tal-kumpanija, bin-numru ta' registrazzjoni GMY-077 kien involut f'incident tat-traffiku fi Triq Tul il-Kosta ma' vettura misjuqa mill-konvenut Toninu Bartolo assikurat mas-socjeta' Middlesea Insurance plc. In vista tal-hsarat estensivi li garrab, il-minibus proprjeta' tal-attur gie dikjarat bhala *beyond economical repair*. Is-socjeta' Middlesea Insurance plc accettat li t-tort kien tal-assikurat taghha, u wara li assumiet ir-responsabbilta' f'ismu offriet lill-attur is-somma ta' sbatax il-elf Ewro, Eur17,000 ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu. Qal li din is-somma giet rifjutata ghax skontu ma kinitx tirrifletti l-ammont komplessiv ta' danni sofferti minnu. Eventwalment dawn is-Eur17,000 kienu gew depozitati l-Qorti mis-socjeta' ntervenuta fil-kawza. Ghal li ghalhekk kellhom igibu van mill-Ingilterra. L-attur jghid li permezz ta' ibnu Kim Degabriele, xtara *minibus*

[5] Fol 31 et seq
[6] Fol 317
[7] Fol 41 et seq

iehor mill-Ingilterra li b'kollox sewa Eur29,552.96. Apparti l-hsarat fil-minibus li kien involut fil-habta u l-ispejjez li kellhom jintefqu sabiex jinxtara vann iehor, l-attur zid li sofra telf ta' qliegh iehor ghax sakemm ingieb il-minibus il-gdid huma kellhom joperaw b'vann inqas u kkancellaw diversi *bookings* li kienu jammontaw ghal Eur12,230.70.

**In kontro-ezami**[8] huwa kkonferma li s-socjeta' ntervenuta fil-kawza mill-ewwel accettat ir-responsabbilta' ghall-incident. Kien is-surveyor stess ta' din is-socjeta' li ddikjara l-minibus *total loss.* Huwa spjega kif joperaw is-sistema tal-*bookings*. Huwa qal ukoll li sakemm gabu l-minibus il-gdid ma krewx vann ghax ma ssibx. Ghalkemm huwa ghandu wkoll il-karozzi tal-kiri, huwa sostna li l-vjaggi kancellati b'dak il-van dannegjat u li qed jippretendi hlas taghhom ma setghux isiru bil-karozzi tal-kiri. Huwa m'ghandux vann li jkun qieghed bhala *reserve* ghax kollha jintuzaw ghax-xoghol. Sostna lil vanijiet uzati ghax-xoghol tat-turisti kellu jkollhom kulur ahmar, dan kien obbligatorju. Ikkonferma ukoll il-vjaggi ndikati fik-dokument R[9].

Xehed **Kim Degabriele** permezz ta' affidavit[10] - Xoghlu primarjament huwa ta' *tour operator* u *minibus driver*. Hu jezercita l-kummerc taht l-isem ta' *Oasis Travel* flimkien ma' missieru Martin. Qal li wara li l-*minibus* taghhom bin-numru ta' registrazzjoni GMY-077 kien involut f'incident tat-traffiku ma' vettura misjuqa mill-konvenut Toninu Bartolo u gie dikjarat *total loss*, huma gew offruti Eur17,000 ghas-saldu mis-socjeta' Middlesea Insurance plc izda huma rrifjutawha. Huwa nnota li l-bazi tal-kalkolu li sar mill-Middlesea sabiex waslu ghal dik ic-cifra offruta kienu prezzijiet ta' vannijiet li ma kinux komparabbli ma' dak li kien involut fil-habta. Semma li tlieta minnhom kienu mankanti c-*Certificate Of Initial Fitness,* d*ana* obbligatorju u li iehor kellu

[8] Fol 75 et seq
[9] Fol 58
[10] Fol 32 et seq

Potenza inqas mill-van dannegjat. Kompla li kollha kemm huma ma kellhomx airconditioning installat. Wara ricerka fuq l-internet huwa tela' l-Ingilterra flimkien ma' persuna sapjenti ohra f'dan il-kamp, u li wara xi jiem hemmhekk xtara minibus li kien anke jissodisfa l-kriterji stabbiliti minn Transport Malta ghall-importazzjoni ta' vetturi f'Malta. Dan ghall-prezz ta' £14,995, ekwivalenti ghal Eur17,716,17. Ix-xhud ta rendikont ukoll ta' diversi spejjez ohra li kellu jaghmel biex nizzel dan il-vann f'Malta li fit-total taghhom lahqu s-somma ta' Eur29,552.96. Il-minibus kien f'pozizzjoni li jintuza fit-triq fil-21 ta' Novembru 2013. Huwa kkonferma wkoll li telf iehor soffert minnhom kien minhabba l-kancellament ta' diversi *bookings* li kienu jammontaw ghal Eur12,230.70 ghall-perjodu bejn l-4 t'Ottubru 2012 u l-21 ta' Novembru 2012.

**In kontro-ezami**[11] huwa qal li fiz-zmien meta sehh l-incident kellhom sitt vannijiet. Jekk wiehed mill-vannijiet ikun bil-hsara, x-xoghol kien jigi kancellat dment Ii ma kienx jigi mghoddi lil haddiehor. Minhabba l-incident in kwistjoni is-sewwieq ta' dan il-minibus kellhom jibqghu ituh il-paga avolja ma kellhomx xoghol x'ituh. Huwa spjega wkoll kif ibieghu it-*tours* taghhom. Ipprometta wkoll li jesebixxi diversi dokumenti fosthom il-formoli tat-taxxa u l-*audited accounts*.

Xehed **Lawrence Camilleri** permezz ta' affidavit[12] – Huwa kien qieghed isuq il-minibus bin-numru ta' registrazzjoni GMY-077 nhar l-4 t'Ottubru 2012 u ta dettalji dwar id-dinamika tal-incident li kellu meta l-vettura tat-tip Corvette misjuqa mill-konvenut Toninu Bartolo tilfet il-kontroll u baqghet diehla go fih.

[11] Fol 261 et seq
[12] Fol 71

Xehed **Brian Farrugia**, ufficjal tal-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta[13] - Huwa qal li fil-kaz ta' *minibuses* jew *coaches* li jigu mpurtati f'Malta *second-hand* u li jkunu ser jintuzaw for *hire and reward* ikunu jehtiegu certifikat maghruf bhala COIF. Dan ic-certifikat ikun juri li dak il-*minibus* jew *coach* kien jintuza barra minn Malta ghall-istess skop u cioe' *hire and reward*. Ix-xhud spjega wkoll ir-rekwiziti l-ohra mehtiega sabiex dawn it-tip ta' vetturi jiddahhlu f'Malta, fosthom li ma jistax ikollu aktar minn hames snin mid-data tal-manifattura.

Xehed **James Mercieca**, impjegat bhala *surveyor* mas-socjeta' Middlesea Insurance plc[14] - Huwa kien inkarigat minn din is-socjeta' sabiex jispezzjona l-*minibus* tal-attur wara li din kienet involuta fil-habta mal-vettura tal-assikurat taghhom. Huwa spjega li l-vann in kwistjoni kien manifatturat fis-sena 2003 u giet impurtata *second-hand* mill-Ingilterra. Gie rregistrat f'Malta ghall-ewwel darba fl-4 ta' Marzu 2008. Il-vettura kienet manwali, b'magna diesel 2402cc u fil-mument tal-incident kellha 211,407 mili. Il-konkluzjoni tieghu wara l-ispezzjoni kienet li l-vettura kienet *beyond economical repair* u l-istima tar-wreck taghha kien ta' Eur1,000. Is-socjeta' Middlesea Insurance plc dahlet f'negozjati mal-attur dwar il-kumpens. Ix-xhud spjega l-kriterji u l-kalkoli li bbazaw ruhhom fuqhom biex waslu ghall-figura totali offruta lill-attur u cioe' Eur17,000. Apparti dan, kompla li l-attur kellu wkoll izomm ir-*wreck* tal-vettura. Dan l-ammont gie eventwalment depozitat il-Qorti peress li l-attur irrifjuta l-offerta ghax kien qieghed jiitlob aktar minn hekk.

**In kontro-ezami[15]** huwa gie mistoqsi fid-dettall biex jispjega l-kalkoli u l-istimi li ssemmew fil-*Motor Survey Report* preparat minnu u esibit mal-affidavit tieghu[16]. Ikkonferma wkoll li tnejn mit-tlett vannijiet li kienu nkuzi fir-rapport

---

[13] Fol 84A et seq
[14] Fol 90 et seq
[15] Fol 283 et seq
[16] Dok JM1 a fol 92

ma setghux jigu registrati f'Malta ghax ma kinux konformi mar-regolamenti ta' Transport Malta. Il-hlas tal-VAT ma ttihidx in konsiderazzjoni peress li dan jista jigi rkuprat mill-attur. Dwar it-tielet vann li seta' jigi registrat hawn Malta, huwa qal li ghalkemm il-*power output* tal-magna tieghu kien ta' 100PS u mhux 115PS kif kien tal-minibus tal-attur dannegjat, il-magna tieghu hija tas-sena 2008 u allura aktar ricenti minn dak tal-attur. Huwa sostna li dan il-vann kien ekwivalenti jew ahjar minn dak li kellu l-attur ghaliex kien aktar modern, ihammeg inqas u jikkonsma inqas ukoll avolja ghandu anqas *power output*. Ghalkemm ma kellux arja kundizzjonata nstallata l-attur seta' jinstalla s-sistema tal-arja kundizzjonata li kellu fil-vann mahbut jekk ried. Ix-xhud qal ukoll li huma m'assistewx lill-attur biex jikri vann peress li l-offerta ghamluha fi zmien gimgha.

Xehed il-konvenut **Toninu Bartolo** permezz ta' affidavit[17] - Huwa qal li dakinhar tal-incident, fl-4 t'Ottubru 2012, huwa hareg bil-vettura mir-residenza tieghu gewwa Bahar ic-Caghaq u ghadda mit-Triq ta' hdejn l-Isplash and Fun. Zid li hu u tiela' t-telgha mess il-pedala tal-gass u dak il-hin, ir-rota tal-karozza, li ghandha *automatic gearbox*, spinjaw u din daret fuqha nnifisha diversi drabi. Tilef il-kontroll tal-vettura u spicca habat mal-minibus misjuq minn wiehed mill-impjegati tal-attur. Gew l-ambulanzi u hadu lil xi nies li kien hemm gol-minibus l-isptar. Huwa ttiehed l-isptar ukoll izda gie rilaxxjat ftit wara. Safejn jaf hu, n-nies kollha li ttiehdu l-isptar ukoll intbaghtu d-dar dakinhar stess. Il-konvenut ikkuntattja lill-kumpanija assikuratrici tieghu AllCare Insurance Ltd (dak iz-zmien kienu *agency brokers* tal-Middlesea Insurance Ltd) dakinhar tal-incident u talabhom jifthu *claim*. Il-polza t'assikurazzjoni tieghu hija *third party*. Il-kumpannija assikuratrici tieghu kienu dahlu fi trattattivi mal-attur u anke offrewlu somma flus izda huwa m'accettahiex.

[17] Fol 253

## III. Konsiderazzjonijiet

Il-kawza tal-lum titratta diversi talbiet imressqa mill-attur, operatur ta' negozju fis-settur tat-trasport privat, sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut Toninu Bartolo huwa unikament responsabbli ghal incident awtomobilistiku li sehh bejn il-vettura misjuqa mill-istess konvenut u dik misjuqa minn impjegat tal-attur. L-attur talab ukoll dikjarazzjoni li huwa sofra danni bhala konsegwenza ta' dan l-incident u li ghalhekk kellha ssir il-likwidazzjoni u l-hlas ta' dawn id-danni favurih.

Il-konvenut laqa' ghal din l-azzjoni billi rribatta li huwa kien ghamel il-*claim* relattiva mal-kumpannija assikuratrici tieghu dwar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Ghalhekk huwa ma kellux jirrispondi ghat-talbiet tal-attur u kwalunkwe pretensjoni attrici ghandha tigi diretta lejn is-socjeta' assikuratrici tieghu.

Is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, Middlesea Insurance plc, giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza fuq talba taghha stess. Hija ma kkontestatx ir-responsabbilta' tal-assikurat taghha ghall-incident in kwistjoni izda kkontestat kwalunkwe danni li setghu jeccedu s-somma offerta minnha lill-attur ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu, liema somma kienet giet rifjutata minnu.

### *i. Dinamika tal-incident awtomobilistiku*

Minn dak li rrizulta mill-provi, ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwar il-mod kif sehh l-incident awtomobilistiku li minhabba fih skattaw il-proceduri odjerni. Iz-

zewg sewwieqa nvoluti, Lawrence Camilleri u Toninu Bartolo it-tnejn taw id-dettalji ta dak li gara.

Nhar l-4 t'Ottubru 2012, il-konvenut Toninu Bartolo jghid li hareg bil-vettura tieghu tat-tip Corvette hamra u bin-numru ta' registrazzjoni VET 600 mir-residenza tieghu gewwa Bahar ic-Caghaq. Peress li htieglu jmur Bir id-Deheb ghazel li jghaddi mit-triq li twasslek hdejn l-*Isplash and Fun*. Peress li t-triq ghandha linja bajda doppja kontinwa huwa jghid li l-manuvra ta' sorpass ma kinitx possibbli u altrimenti kien ikollu jidhol *wrong way* fil-karreggjata opposta. Ma jiftakarx ezatt il-velocita' li kien ghaddej biha izda jikkalkula circa 55/60 kilometru fis-siegha. Il-vettura kienet mghammra b'sistema ta' *gearijiet* li jitbiddlu b'mod awtomatiku. Ftit qabel ma sehh l-incident huwa kien qieghed fit-telgha u l-karozza bdiet awtomatikament tnaqqas il-*gearijiet* biex ikollha gibda akbar ghat-telgha. Huwa mess il-pedala tal-gass biex jghinha u malli ghamel hekk il-vettura gholliet il-gearijiet awtomatikamet u spinnjaw ir-roti taghha u daret fuqha nnifisha diversi drabi. Dak il-hin il-vettura tilfet il-kontroll u huwa jiftakar li spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u sema' hoss qawwi ta' habta u hass impatt qawwi imma dak il-hin ma kienx ghadu jaf ezatt x'gara. L-impatt sehh fuq in-naha tal-passiggier tal-vettura (il-vettura hija *left hand drive*). X'hin gie f'tieghu induna li kien habat ma' vann Minibus Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GMY 077.

Sadanittant, ix-xufier mpjegat tal-attur, Lawrence Camilleri, jghid li dakinhar tal-incident kien qieghed jaghmel vjagg bit-turisti lejn ic-Cirkewwa bil-minibus bin-numru ta' registrazzjoni GMY-077. Hu u jsuq fi Triq Tul il-Kosta fid-direzzjoni lejn Bahar ic-Caghaq jilmah vettura tat-tip *Corvette* hamra li wara rrizulta li kienet tal-konvenut Bartolo. Din kienet gejja mid-direzzjoni opposta taqbez zewg karozzi u zewg trakkijiet. Biex ghamlet din il-manuvra il-vettura dahlet fil-karreggjata tas-sewwieq Camilleri, giet *wrong way* u tilfet il-kontroll.

Is-sewwieq tal-*minibus* ipprova jiskapulaha billi tefa' kemm jista' fil-genb izda ghalxejn peress li din il-vettura, li kienet ghaddejja b'velocita' gholja, xorta baqghet diehla go fih. Mal-impatt, il-parti ta' wara tal-*minibus* nizlet fil-kanal li kien hemm mal-genb tat-triq. Il-minibus garrab hsarat estensivi. Il-vettura *Corvette* inqalghulha 2 roti u baqghet titkaxkar fit-tul wara li sehh l-impatt.

Kemm is-sewwieq tal-minibus kif ukoll uhud mill-passiggiera rekbin fih sofrew xi griehi u kellhom jittiehdu l-isptar. Il-konvenut ukoll ittiehed l-isptar u ntbaghat id-dar ftit wara. Jidher li l-persuni kollha li marru l-isptar kienu gew rilaxxjati dakinhar stess.

*ii. Ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni*

Elenkati l-verzjonijiet ta' dawn iz-zewg sewwieqa l-Qorti tqis li ma hemmx wisq lok ta' dubju li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut Toninu Bartolo li waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni VET 600 nhar l-4 t'Ottubru 2012 huwa tilef fil-kontroll tal-vettura tieghu, spicca *wrong way* fil-karreggjata li fiha kien qieghed isuq ix-xufier tal-Minibus proprjeta' tal-attur, bil-konsegwenza li habat b'impatt qawwi mal-istess Minibus.

Il-Qorti tinnota wkoll li r-responsabbilta' tal-konvenut ghal dan l-incident hija wkoll ammessa minnu stess meta fir-risposta guramentata irrikonoxxa li huwa kien fetah *claim* mal-kumpannija assikuratrici tieghu sabiex din thallas lill-attur ghad-danni[18]. Is-socjeta' Middlesea Insurance Ltd, li maghha l-konvenut kien assikurat, ukoll ikkonfermat fl-eccezzjonijiet taghha li r-responsabbilta' ta'

[18] L-ewwel eccezzjoni fir-Risposta Guramentata tieghu a fol 15

Toninu Bartolo ghall-incident ma kinitx qeghda tigi kontestata[19].

**Fid-dawl ta' dawn il-provi u ammissjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel talba attrici hija ben pruvata u timmerita ghalhekk li tigi akkolta.**

*iii. Id-danni mitluba mill-attur*

B'rizultat ta' dan l-incident irrizulta mill-provi u hemm qbil ukoll mill-partijiet li l-hsarat kawzati lill-minibus bin-numru GMY-077 kienu tant kbar li t-tiswija tieghu ma kinitx meqjusa finanzjarjament vijabbli u ghalhekk dan gie dikjarat bhala *total loss* mis-surveyor tas-socjeta' nterevenuta stess. Ir-*wreck* tal-vettura gie stmat Eur1,000[20].

L-attur jghid illi huwa sofra mhux biss danni relatati ma' xiri ta' *minibus* iehor biex jirrimpjazza dak danneggjat izda wkoll danni ohra relatati ma' telf ta' *bookings* li kienu lahqu saru ma' Oasis Travel u li kellhom jigu kancellati ghall-perjodu kollu li fih kellhom joperaw b'vann inqas sakemm ingieb vann iehor mill-Ingilterra.

a. Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra t-talba tal-attur ghad-danni marbuta max-xiri ta' *minibus* iehor.

Fl-ewwel lok, jinghad li l-gurisprudenza nostrali dwar danni hija rassodata bi principji ben stabbiliti u kostanti. Fil-kaz **Elmo Insurance Services Ltd vs Trevor Vassallo** deciz 26 ta' Novembru 2003[21] -

---

[19] L-ewwel eccezzjoni fir-Risposta Guramentata taghha a fol 24

[20] Affidavit James Mercieca a fol 90
[21] Cit 1942/99 Prim Awla tal-Qorti Civiliita

*"In propositu u in vena legali, il-Qorti tirrileva li, hu principju stabbilit li "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kaggjonata l-hsara" [App.Civ.* ***John Tufigno vs Joseph Micallef noe****. deciz 23 ta' April 1965]. Inoltre, ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, huwa mhuwiex obbligat li jitghabba b' pizijiet biex jirriduci l-hsara. Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil-****Halsbury (Vol X)*** *citat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Mallia vs Moore*** *(deciza 26 Novembru 1954 Vol. XXXVIII.I.249) citata fil-kawza App.Inf.****John Xuereb vs James Edward Livick et*** *(deciza 3 Novembru 1956 Vol.XL.I.64): 'It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer".*

*"Valevoli dejjem li jigi dejjem sottolineat illi r-regola ghandha tkun illi d-dannu reklamat m'ghandux ikun sors ta' approfitar jew ta' lukru u l-mizura tar-rizarciment m'ghandhiex tissupera l-interessi lezi. Ara "****Borg nomine et -vs- Schembri****: Prim'Awla, Qorti Civili, 28 ta' Jannar,1965" "****Rita Sultana et -vs- Antoine Colombo et"*** *Appell Inferjuri, 19 ta' Frar, 2010. (L-ALFABETT tal-Kodici Civili per imhallef Philip Sciberras LL.D. Vol D pagna 179)*

*Illi "il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikloari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" [App.Civ.* ***Joseph Aquilina vs Emmanuele Schembri*** *(deciza 24 ta' Jannar 1969 – Vide wkoll App.Inf.* ***Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs***

***Paul Tabone** – 17 ta' Frar 2003)."*

Fil-kaz fl-ismijiet **Percius Car Hire Limited vs Richard Schembri** deciz fl-20 t'Ottubru 2003[22] il-Qorti wkoll irriteniet –

*"Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara [Vol.XXXVIII.I.249]. Tinsorgi ghalhekk regola ohra daqstant iehor importanti f'materja ta' danni fil-kollizzjonijiet stradali, li tikkonferixxi lid-danneggjat id-dritt tar-resitutio in integrum b' mod li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz [App.Inf. **Antonio Zammit vs Mario Calleja** – 12.01.1977]."*

Il-Qorti tqis li la l-attur spicca b'vann inqas mill-flotta tieghu, liema vann kien mehtieg sabiex jaqdi l-esigenzi tan-negozju gestit minnu, huwa kellu kull dritt li jigi rientegrat fil-patrimonju tieghu b'*minibus* iehor, ta' ekwivalenza simili ghal dak ta' qablu. Fid-dawl tal-principji gurisprudenzjali citati izda, kien mistenni minnu ragjonevolment li jimmittiga d-danni minghajr ma jitghabba b'pizijiet zejda.

F'dan l-isfond, l-ewwel analizi li trid taghmel il-Qorti huwa dwar jekk kienx hemm il-htiega li l-*minibus* in kwistjoni jingieb mill-Ingilterra, naturalment bi spejjez addizzjonali, jew jekk setax jinxtara lokalment. L-attur jghid li "*fic-cirkustanzi kellna bilfors ingibu minibus gdid mill-Ingilterra*[23]". Il-Qorti tinnota

[22] Nru 616/01 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[23] Affidavit Martin Degabriele a fol 31

wkoll li sabiex waslu ghac-cifra offruta lill-attur bhala kumpens, is-socjeta' ntervenuta wkoll ibbazat ruhha fuq mudelli ta' *minibuses* mill-Ingilterra[24]. In kontro-ezami, s-surveyor tas-socjeta' ntervenuta James Mercieca meta mistoqsi biex jaghti r-raguni il-ghala fittxew sors mill-Ingilterra, xehed hekk:

*"Xhud: Ghal principju li tieghu ma kienx gdid ta' Malta, kien second hand tal-Ingilterra wkoll.*
*Dr.R. Galea: Sewwa, jigifieri lokalment ma ppruvajtux tfittxu intom?*
*Xhud: Lokalment ippruvajna imma rajna li iktar kien jaghmel sens infittxu minn barra."*[25]

Il-Qorti tqis ghalhekk li l-attur kien gustifikat li jirrikorri l-Ingilterra ghax-xiri ta' *minibus* alternattiv ghal dak li kellu precedentement.

Kim Degabriele, iben l-attur ta rendikont dettaljat tal-indagini li ghamel fl-Ingilterra u l-ispejjez li nefaq tul il-perjodu li dam hemm[26]. Wara ricerka mill-internet biex jara x'hemm fis-suq huwa llimita l-ghazla ghal madwar 7 minibuses li kienu kollha jnsabu l-Ingilterra. Huwa avvicina persuna ohra li kien intiz fil-process ta' mportazzjoni ta' vetturi minn dak il-pajjiz u marru l-Ingilterra flimkien. Hadu madwar erbat ijiem biex rawhom kollha. Ebda wiehed minnhom ma rrizulta adattat ghax ma kinux koperti bic-certifikat tas-COIF li kien mehtieg minn Transport Malta[27]. Fir-raba' gurnata huwa rega' beda jfittex x'minibuses kien hemm ghall-bejgh fuq l-internet u sab wiehed iehor fi Newcastle li mar jara l-ghada flimkien ma' siehbu. Dan kien kopert bic-certifikat COIF u kien jissodisfa l-bqija tal-kriterji rikjesti minn Transport Malta ghax ma kienx ilu fit-triq aktar minn hames snin. Iben l-attur xtrah wara li

[24] Motor Survey Report a fol 92 et seq anness mal-affidavit tas-surveyor James Mercieca
[25] Fol 286
[26] Affidavit a fol 32
[27] Xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' Transport Malta a fol 84A.

nnegozja l-prezz ghal £14,995 (ekwivalenti ghal Eur17,716.17).

Ghalkemm fil-kors tal-perjodu li dam l-Ingilterra l-attur inkorra diversi spejjez li huma sopportati minn ricevuti, l-Qorti tqis li dawn ghandhom jigu mqabbla u analizzati fil-kuntest ukoll tal-istimi u l-figuri mahduma mis-socjeta' ntervenuta u dan sabiex jigi kkunsidrat u stabbilit jekk kinux gustifikati u ragjonevoli kollha jew le, u *se mai* jekk hux *in toto* jew *in parte*.

1. *Ricevuta ghall-ispejjez tal-passagg lejn u lura mill-Ingilterra* [28] - iben l-attur deherlu li ghandu jiehu mieghu l-Ingilterra lil certu Toni Guiga peress li dan weghdu li seta' jghinu ghax kien intiz fil-procedura mehtiega sabiex wiehed inizzel vettura mill-Ingilterra[29]. Il-Qorti tqis li filwaqt li huwa ragjonevoli li l-attur jiehu pariri minghand min forsi jifhem aktar minnu qabel jirrikorri ghall-procedura ta' mportazzjoni ta' vettura mill-esteru, ma tqisx li hu ragjonevoli li huwa kellu necessarjament jiehu lil din il-persuna mieghu l-Ingilterra. Jekk huwa pprefera li jaghmel hekk, huwa gust li jbati l-ispejjez tal-persuna l-ohra huwa stess. Ghalhekk il-Qorti sejra takkorda biss danni li jkopru l-passagg tal-ajru ta' Kim Degabriele ghas-somma ta' **Eur230.68[30].**

*Ricevuta ghax-xiri ta' minibus Ford Transit 17 Seat 115PS*[31] – L-attur nefaq £14,995 ghax-xiri ta' dan il-vann (ekwivalenti ghal Eur17,716.17). Il-Qorti tinnota li fl-assjem tieghu dan il-vann huwa komparabbli ma' dak li kellu qabel l-attur, kemm mill-ammont ta' passiggieri li jesa' kif ukoll ghal dak li huwa power *output* tal-magna (115PS). Certament li tnejn mit-tliet vannijiet indikati mis-socjeta' ntervenuta fir-rapport taghha ma kinux konformi mar-regolamenti

[28] Dok G u H annessi mal-affidavit ta' Kim Degabriele a fol 44 u 45
[29] Affidavit

[31] Dok D annessa mal-affidavit ta' Kim Degabriele a fol 41

ta' Transport Malta kif ammess minnhom stess[32] u ghalhekk il-kalkolu approssimattiv ta' Eur9,554 mahdum anke fuq dawn iz-zewg mudelli ghall-finijiet tal-offerta ahharija lill-attur ta' Eur17,000[33] mhijiex accettabbli ghall-Qorti. It-tielet vann indikat mis-socjeta' ntervenuta huwa wkoll qrib dak li kellu l-attur originarjament[34] – huwa ahjar mill-lat ta' *mileage* ghax kellu anqas (85,000 mili) u anke s-sena tal-manifattura kienet aktar ricenti (tal-2008). Izda l-*output* tal-magna tieghu kien anqas ghax 100PS. Il-prezz tieghu kien**- £12,000 (ekwivalenti ghal Eur14,160).** Maghmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tqis li l-attur ma kienx obbligat jaccetta l-vann indikat mis-socjeta' ntervenuta jew l-ekwivalenti tal-prezz tieghu dment li fl-ghazla tieghu ta' minibus huwa qarreb kemm seta' lejn l-*ispecifications* li kellu l-vann ta' qabel.

Globalment il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi l-attur agixxa ragjonevolment fl-ghazla tal-vann li xtara mill-Ingilterra u tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas tal-prezz ta' dan il-vann u cioe' **Eur17,716.17**.

2. *Ricevuti ghall-kiri ta' karozza u hlas ghal fuel fl-Ingilterra* [35] - Iben l-attur, Kim Degabriele ma jaghtix dati precizi tal-bidu u t-tmiem tal-mawra tieghu fl-Ingilterra. Filwaqt li l-biljett tal-ajru a fol 44 ikopri biss jumejn, mit-22 t'Ottubru 2012 sal-24 t'Ottubru 2012, l-ircevuti esibiti jkopru dati itwal. Il-kiri tal-vettura fl-Ingilterra jkopri l-perjodu bejn il-21 t'Ottubru 2012 u s-27 t'Ottubru 2012 u cioe' sebat ijiem (Dok H – total Eur343.92). Il-fuel inxtara bejn it-23 t'Ottubru 2012 u s-27 t'Ottubru 2012 (Dok I sa H – total £255.62 ekwivalenti ghal Eur301.55). Fl-affidavit tieghu Kim Degabriele ukoll jghid li huwa dam diversi granet. Il-Qorti tinnota li minn dak li stqarr dan ix-xhud huwa ha erbat ijiem biex spezzjona s-seba' vannijiet li huwa kien irrintraccja mir-

[32] Indikati bhala Dok A u Dok B annessi mal-Motor Surveyor Report prezentat mal-affidavit ta' James Mercieca a fol 94 u 95 tal-process
[33] Fol 93
[34] Dok C a fol 96
[35] Dok H sa L annessi mal-affidavit ta' Kim Degabriele a fol 46 sa fol 50

ricerka tieghu mill-internet minn Malta. Ir-raguni li dawn il-vannijiet ma sabhomx adattati kien li ebda wiehed minnhom ma kien kopert b'certifikat tac-COIF. Kien fir-raba' gurnata fl-Ingilterra li Degabriele intensifika r-ricerka tieghu fuq l-*internet* u sab il-vann li effettivament xtara ghax kellu c-certifikat COIF. Il-Qorti tqis li l-attur mhuwhiex ghalhekk gustifikat li jigi rimborsat ghall-ewwel erbat ijiem li huwa qatta' gewwa l-Ingilterra stante illi kieku ghamel ir-ricerki tieghu ahjar u pprova almenu jikkomunika mas-sidien rispettivi qabel ma tela' l-Ingilterra kien ikun jista' jiskopri li dak is-seba' vannijiet li huwa qaghad idur biex jispezzjona wiehed wiehed kienu kollha minghajr COIF. Dan ukoll qed jinghad tenut kont tar-rifjut precedenti ghal mawra, tieghu u ta' missierru l-attur, ghal-vanijiet ikkunsidrati mis-socjeta intervenuta propju ghax mankanti dan ic-certifikat. Il-Qorti sejra ghalhekk talloka danni ghall-kiri ta' vettura u fuel biss ghal tlett ijiem minn sebgha u dan *arbitrio boni viri*. Total: **Eur276.63**[36]

3. <u>*Installazzjoni ta' sistema t'arja kundizzjonata*</u> – Hemm qbil bejn il-partijiet li skont ir-regolamenti ta' Transport Malta vettura ghall-garr tal-passiggieri ma tistax tkun minghajr arja kundizzjonata[37]. L-ircevuta attrici[38] ggib l-ammont totali ta' Eur 4664.54 inkluz il-VAT. Is-socjeta' ntervenuta minn naha l-ohra targumenta li l-attur seta' jinstalla l-*air condition* li kien hemm fir-wreck tal-vettura mahbuta peress li dan ma kienx installat fiha mill-fabbrika. Pero' l-Qorti tqis li sabiex jigi sostnut dan l-argument tas-socjeta' ntervenuta kien jinkombi fuqha li ggib prova li minkejja d-danni kbar li sofra l-vann tal-attur fil-habta mal-vettura tal-konvenut, is-sistema t'arja kundizzjonata tieghu kien ghadu ntatt u fi stat tajjeb li jerga' jintuza f'vettura ohra minghajr problemi. Din il-prova ma ngibitx. Xejn minn dan ma jirrizulta mid-dokument JM1

---

[36] Eur343.92 + Eur301.55= Eur645/7= Eur92.91 x 3=Eur276.63
[37] Xhieda James Mercieca a fol 294
[38] Dok E a fol 42

presentat minn Joseph Mercieca jew mill-kontro-ezami ta' l-istess.[39] L-**esperjenza wahidha ta' Mercieca bhala surveyor kif argumentat fis-sottomissjonijiet, mhiex prova sodisfacenti** ghal-Qorti. Fil-fatt il-Qorti hija sodisfatta mill-prova mressqa mill-attur ghall-ispejjez konnessi mal-arja kondizzjonata u ghalhekk sejra tilqa' t-talba tieghu dwarha, limitatament izda ghas-somma ta' **Eur3953.00** peress li s-somma ndikata bhala VAT fl-istess ricevuta tista' tigi rifuza lilu in kwantu hija spiza konnessa mal-operat tan-negozju.

4. *<u>Trasport tal-vann mill-Ingilterra ghal Malta</u>* - L-ircevuta attrici tindika s-somma ta' Eur2360.00 (Eur2,000 + Eur360VAT)[40]. Is-somma ta' Eur2,000 indikata mis-socjeta' ntervenuta ghal dan il-ghan hija bazata fuq stima telefonika mehuda minghand kumpannija lokali[41]. Il-Qorti tqis li t-talba tal-attur hija gustifikata u takkordalu ghalhekk is-somma ta' **Eur2,000**. It-talba dwar il-VAT izda sejra terga' tigi michuda.

5. *<u>Stima ghall-ispray ahmar tal-vann[42]</u>* - Hemm qbil bejn il-partijiet li skont ir-regolamenti tat-Trasport Malta l-vann kien jehtieglu jigi *sprayed* ahmar biex jintuza ghall-iskop intiz mill-attur[43]. Kim Degabriele pprezenta stima li tammonta ghal Eur2,500 bhala spray u VAT Eur450. Total Eur2950. L-istima tas-socjeta' ntervenuta hija ta' Eur1,500[44]. In kontro-ezami James Mercieca in rapprezentanza tas-socjeta' ntervenuta qal li kkalukulaw din ic-cifra wara li qiesu diversi fatturi relatati partikolarment ma deprezzament u l-kundizzjoni tal-vann mahbut[45] u l-element tal-*betterment*. Pero' accetta li vann shih biex jinzebagh kien jiswa' circa tlett elef ewro, li tas-somma ghar-ragunijiet

[39] Vide fol 92, Post-Accident Condition.
[40] Fok F a fol 43
[41] Xhieda James Mercieca a fol 287
[42] Dok M a fol 51
[43] Affidavit James Mercieca a fol 90 u l-attur Martin Degabriele a fol 77
[44] Fol 93
[45] Xhieda James Mercieca a fol 287

imsemmija ha n-nofs[46]. Il-Qorti tqis izda li dawn il-kalkoli mhumiex bbazati fuq xi stima u ghalhekk ghandha tiehu l-istima prezentata mill-attur bhala wahda korretta u realistika. Izda ghall-istess raguni diga' citata, l-ammont indikat bhala VAT ghandu jigi eskluz. Is-somma li sejra tigi akkordata lill-attur ghalhekk hija ta' **Eur2,500**.

6. _Spejjez ohra_ – L-attur tramite ibnu esebixxa diversi ricevuti ohra ta' spejjez li gew inkorsi mill-attur in segwitu ghall-habta. Dawn huma spejjez relatati ma' *towing* u skrappjar tal-vettura mahbuta[47], kif ukoll ghal *rust proofing tal-vettura mpurtata, VRT test* u hlas amministrattiv lil Transport Malta biex dan il-Minibus seta' jopera fit-toroq Maltin[48]. Il-Qorti tqis li dawn it-talbiet huma pruvati bil-prezentata tad-debiti ricevuti hlief ghal dik a fol 36 (dwar *l-iscrap*) li ma turi ebda ricevuta formali. Il-Qorti ghalhekk sejra tiffissa d-danni relatati ma' dawn l-ispejjez kif gej:

Towing – Eur120; *Rust proofing* – Eur600; Test tal-VRT– Eur31.10

Hlas amministrattiv lil Transport Malta – Eur25

Total: **Eur776.10**

It-total ta' dawn id-danni komplessivament jammonta ghal Eur27,452.58

Madankollu u fid-dawl tal-gurisprudenza citata aktar qabel, il-principju tar-*restitutio in integrum* jissarraf f'bilanc bejn id-dritt tad-dannegjat li kemm jista' jkun jigi ri-integrat fil-possedimenti tieghu ghal *status quo ante* b'dana pero' li huwa m'ghandux imbaghad jarrikkixxi ruhu anke ndirettament a skapitu ta' min ikkawzalu l-hsara. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tinjora l-fatt li kif ammetta iben l-

[46] A fol 288
[47] Dok A u Dok B a fol 35 u 36
[48] Dok N, Dok O u Dok P a fol 52 sa 56

attur stess, il-vann li gab mill-Ingilterra kellu anqas minn hames snin fit-triq[49]. Anke jekk dan il-kriterju partikolari kien pre-rekwizit impost minn Transport Malta, bhala stat ta' fatt l-attur kien issa gie fil-pussess ta' vann li kien aktar modern mill-vann originali dak dannegjat, (li kien manifatturat fl-2003) u dan bil-vantaggi kollha li jgib mieghu. L-istess jinghad ghall-*mileage* tal-vettura. Il-vann mixtri kellu biss 44,700 mili filwaqt li dak mahbut kellu 211,407 mili. Ghaldaqstant u b'sens ta' bilanc bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-attur bhala l-persuna danneggjata u r-risarciment li ghandu jinghata, il-Qorti sejra tezercita d-diskrezzjoni taghha u tnaqqas persentagg ta' 20% mis-somma ta' danni akkordata lill-attur.

**B'hekk it-total li ghandu jithallas lill-attur bhala spejjez inkorsi b'rizultat tal-incident awtomobilistiku tal-4 t'Ottubru 2012 huwa ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u tnejn u sittin Ewro u sitt centezmi (Eur21,962.06).**

b. F'dan l-istadju l-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni parti tat-talba tal-attur, u cioe' dik relatata mat-telf ta' qliegh soffert minhabba kancellament ta' *bookings* li kienu lahqu saru minhabba li b'vann inqas fil-flotta l-Oasis Travel ma kienitx f'posizzjoni li tonora l-obbligi kollha li kienet lahqet ikkommettiet ruhha ghalihom.

Gie esibit dokument mal-affidavit ta' iben l-attur Kim Degabriele – Dok R a fol 58 sa fol 66 li l-attur jghid li jirraprezenta l-kancellament ta' *bookings* li kienu ntizi li jsiru bil-vann mahbut. Il-perjodu kopert f'din il-pretensjoni huwa minn dakinhar tal-incident u cioe' mill-4 t'Ottubru 2012 sad-data li fih Oasis Travel

[49] Affidavit Kim Degabriele a fol 33

setghet tibda topera bil-vann impurtat u cioe' l-21 ta' Novembru 2012[50]. It-total ta' granet inkluz iz-zewg dati msemmija kif pretizi mill-attur bhala *loss of use* huwa ta' 49 jum. It-total ta' *loss of use* indikat mill-attur skont dan id-dokument huwa ta' Eur12, 230.70. Minn dokument ipprezentat sussegwentement mill-attur[51] huwa indika s-somma finali pretiza minnu ghall-*loss of use* wara li gew imnaqqsa l-ispejjez u l-VAT kienet ta' Eur7,978.49.

L-attur esebixxa wkoll numru ta' dokumenti li huwa indika bhala *pick up sheets*[52] tal-granet in kwistjoni. Giet prezentata Nota Guramentata ta' Kim Degabriele li tat rendikont gurnata b'gurnata tax-xoghol li kien gie kancellat fil-perjodu ndikat[53].

Il-posizzjoni tas-socjeta' ntervenuta kif tirrizulta mill-*Motor Survey Report* esebit minnha a fol 92 et seq hija li hija qeghda tikkoncedi *loss of use* ta' 21 jum kalkulati kif gej:

*"The 21day period is equivalent to 3 weeks calculated as follows:*

- *From accident date 4.10.2012 to 10.10.12 being the date when settlement was put forward – 1 week*
- *Sourcing, purchase, importing, licensing – 1 week*
- *Spraying, preparing – 1 week.*

*Total 3 weeks."*

L-ammont indikat mis-socjeta' ntervenuta huwa ta' Eur130 kull jum bbazat fuq ir-rata ta' kiri ta' vann alternattiv. Total ta' Eur2,730.

---

[50] Skont dok Q mahrug minn Transport Malta a fol 57
[51] Dok MDX 4 a fol 246
[52] Minn Fol 104 sa Fol 243
[53] Fol 248 et seq

Esposti l-posizzjonijiet rispettivi mill-partijiet dwar il-*loss of use*, il-Qorti terga' tenfasizza li d-danneggjat ghandu dejjem jagixxi ta' *bonus paterfamilias* u fl-ispirtu tal-principji gurisprudenzjali kwotati ghandu jaghmel dak kollu possibli biex jimminimizza d-danni. Tenut kont li mhuwiex kontestat li l-offerta lill-attur mis-socjeta' ntervenuta saret fl-10 t'Ottubru 2012[54] u cioe' sebat ijiem wara l-incident, l-**attur huwa certament gustifikat li jigi kkumpensat ghall-*loss of use* ghal dan il-perjodu.**

Il-Qorti tinnota wkoll li minn wara l-10 ta' Ottubru 2012, il-biljett tal-ajru sabiex iben l-attur isiefer l-Ingilterra biex jixtri vann iehor huwa datat 22 t'Ottubru 2012[55]. Il-Qorti tqis li dan il-perjodu kollu mehud mill-attur sabiex jevalwa u jirrifjuta l-offerta tal-Middlesea Insurance plc, u biex minn Malta jaghmel l-indagini u l-verifiki tieghu dwar ix-xiri ta' vann alternattiv huwa twil wisq u mhuwiex ragjonevoli. Fil-fehma tal-Qorti sebat ijiem ghal dan il-ghan kellu jkun sufficjenti. Ma dan il-perjodu, il-Qorti zzid ukoll koncessjoni ta' tlett ijiem akkordati lill-attur sabiex mar l-Ingilterra, xtara l-vann u gie lura f'Malta. Dan l-argument huwa ukoll fil-fehma tal-Qorti msahhah mill-fatt illi nonostante z-zmien li l-attur (u ibnu) jghidu li hadu biex sabu vann idoneju biex jirrimpjazza lid-dannegjat, darba li Kim Degabriele zar gewwa l-Ingilterra l-vetturi minnu misjuba fuq l-internet, xorta sab li ma kienux adekwati ghal-iskop mehtiega.

Finalment il-Qorti tqis bhala ragjonevoli perjodu addizzjonali iehor ta' ghaxart ijiem ghall-importazzjoni tal-vettura nfisha, l-*ispraying* taghha u l-iffinalizzar tal-proceduri amministrattivi kollha mehtiega sabiex il-*minibus* mixtri jkun jista' jibda jopera f'Malta.

[54] Affidavit James Mercieca a fol 90
[55] Fol 44

Ghalhekk it-total ta' granet *arbitrio boni viri* li ghalihom l-attur ghandu jigi kkumpensat ghall-*loss of use* huwa ta' sebgha u ghoxrin (27).

Dwar il-*quantum* tal-*loss of use*, il-Qorti analizzat id-dokumenti kollha prezentati mill-attur ghar-rigward. Izda fl-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti dwar il-*quantum* misthoqq mill-attur, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi partikolarment l-impenn tal-attur li jagixxi b'mod responsabbli u bhala *bonus paterfamilias*.

Il-Qorti tinnota li kif stqarru l-attur u ibnu, malli sehh l-incident in kwistjoni huma mmedjatament ikkancellaw *bookings* minghajr ma ghamlu tentattiv serju li almenu jfittxu li jikru vann li seta' jirrimpjazza l-vann mahbut sakemm jasal dak mixtri mill-Ingilterra. L-attur in kontro-ezami jghid hekk:

*"Mistoqsi mill-Qorti x'inhi r-raguni li ahna ma krejniex vann, nghid ghax ma ssibx*[56]. Dan minghajr ma pprova jfittex.

L-attur qieghed jitlob kumpens ukoll ghall-*loss of use* fir-rigward ta' vjaggi ghall-iskejjel li kkancellaw. Izda fix-xhieda tieghu jghid –

"Jekk ikolli vann bil-hsara, il-karozza tal-kiri tintuza ghall-vjaggi tal-iskejjel…"[57].

L-attur ikompli jghid li fl-2012 huwa kellu xi tmien karozzi tal-kiri pero' dawn kienu qeghdin jintuzaw kollha[58]. L-attur ma gabx prova li f'dak il-prejodu l-vetturi kollha tal-kiri li kellu kienu mikrijin u lanqas wera li huwa prova jikri xi

[56] Fol 76
[57] Fol 76
[58] Fol 77

vetturi minn bnadi ohra sabiex ikun jista' jkopri l-vjaggi tal-iskola temporanjament u almenu ma jitlifx il-vjagg kompletament. Ghal darb'ohra jinghad li l-istagun turistiku certament ma kienx fl-aqwa tieghu f'dak il-perjodu u ghalhekk kien ragjonevolment mistenni illi huwa kien jirnexxielu jikri xi vetturi kieku mqar ipprova.

Ghalhekk zgur li l-attur ma jistax jitqies li agixxa ta' *bonus paterfamilias* minn dan il-lat.

Il-Qorti ezaminat ukoll il-*profit and loss accounts* tas-snin 2010, 2011 u 2012[59], li jirregistraw qliegh annwali ta' Eur23,178.00; Eur30,061.00; u Eur36,730.00 rispettivament. U dan mill-operat tan-negozju shih ta' Oasis Travel. Imbaghad specifikatament ir-rendikont tal-bejgh ta' servizzi bil-*Minibuses/Double Deckers* u vetturi mikrija ghas-snin 2011 u 2012[60] juri li l-bejgh ta' servizzi mill-*Minibuses* fix-xahar ta' Ottubru u Novembru ftit li xejn ivarja bejn l-2011 u l-2012 bil-medja bejn dawn is-sentejn tkun ta' ftit aktar minn Eur9,700 ghax-xahar t'Ottubru u ftit aktar minn Eur1,800 ghax-xahar ta' Novembru. Dawn il-figuri jkopru l-minibuses *kollha* ta' Oasis Travel u mhux wahda biss. L-attur in kontro-ezami jghid li fiz-zmien tal-incident kellu sitt *minibuses* ohra apparti dak li kien involut fil-habta[61]. Ghalhekk analizzati dawn il-figuri, l-Qorti tikkonkludi li huwa nverosimili ghall-ahhar li l-attur f'temp ta' ftit aktar minn xahar seta' allura kellu *loss of use* minn vann wiehed biss li hija kwantifikabbli ghal Eur7,978.49.

Fic-cirkustanzi l-Qorti, wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet tqis li filwaqt li l-attur, tenut kont in-natura tan-negozju tieghu, necessarjament sofra konsegwenzi minhabba li opera b'vann inqas ghal xi zmien, sejra tiffissa

[59] Fol 244, 245 u 265 rispettivament
[60] Fol 278 u 279 rispettivament
[61] Fol 76

*arbitrio boni viri* s-somma ta' Eur 140 ghal kull jum mis-27 jum akkordat mill-Qorti bhala *loss of use*. Total – tlett elef seba' mija u tmenin Ewro **(Eur3,780**).

**Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-bqija tat-talbiet attrici u tiddikjara li l-attur sofra danni b'kawza tal-istess incident awtomobilistiku u tillikwida u tordna l-hlas totali ta' danni ta' hamsa u ghoxrin elf seba' mija u tnejn u erbghin Ewro u sitt centezmi – Eur25,742.06.**

Illi l-konvenut eccepixxa illi huwa kien ressaq *claim* mas-socjeta asikuratrici u li b'konsegwenza ta' hekk kienet hi li kellha thallas a favur l-attur danni likwidati, ghalhekk eccepixxa wkoll li l-istess socjeta assikuratrici kellha tigi kjamata in kawza.

Mhux kontestat li l-konvenut kien assikurat mas-socjeta intervenuta in kawza.

Lanqas ma ghandu jkun ta' kuntest l-applikazzjoni tal-artikoli tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-*claim* imressqa mill-istess konvenut mas-socjeta assikuratrici.

Pero, is-socjeta assikuratrici ghazlet li tippartecipa fil-kawza bhala intervenut u mhux kif eccepixxa l-konvenut fi grad ta' kjamat in kawza. Id-differenza bejn dawn iz-zewg istituti hija netta fl-applikazzjoni u sinjifikat taghhom. Insibu fil-gurisprudenza nostrana li gie stabbilit u gie dejjem ikkonfermat illi l-intervenut fi *statu et terminis* a differenza tal-kjamat in kawza la hu konvenut u lanqas attur fil-gudizzju bejn il-partijiet. Huwa jintervjeni biex jipproteggi l-interessi tieghu, liema interess allura jinhtieg ikun wiehed dirett u sostanzjali, mirat lejn il-vertenza in kwistjoni; (ara **Constantino sive Lino Grech et vs Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona**, Qorti Appell 20 ta' Frar, 1986; **Mario Galea**

**Testaferrata et vs Prim Ministru** Qorti Kost. 10 ta' Jannar, 2005; **Joseph Zammit u Paul Zammit vs Duncan Galea et.** Appell Civili 26 ta' Gunju, 2015).

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Sullivan *nomine* vs Abela *nomine*** (1971) qalet: *"l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza."*

L-Qorti ta' l-Appell (Kummercjali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Joseph Galea vs Alfred Cardona**, deciza fit-28 ta' Lulju 1987, qalet illi: *"l-intervenut fil-kawza, jekk it-talba tieghu tigi milqugha mill-Qorti, jigi mdahhal fil-kawza proprju fl-istadju u fit-termini li l-istess kawza kienet waslet. B'ebda mod pero`, dan l-intervenut fil-kawza ma jista' jwaqqaf il-procedura taghha";*

*"Ghalhekk min jintervjeni fil-kawza "in statu et terminis" mhux parti fil-kawza u ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat; imma jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni.". (***Alex Azzopardi vs *Anna Ellul*** *et, Qorti Civili 29 ta' Ottubru, 2010)*

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) tas-7 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet **Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff** inghad illi in kwantu l-intervenut la hu attur u lanqas konvenut ma jistax jesegwixxi sentenza favorevoli ghalih u konsegwentement a kuntrarju lanqas ma jista' gudizzju jigi ezegwit kontrih.

ll-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Joseph Buhagiar *pro et noe* vs Carmel *sive* Charles Psaila** qalet:

*'illi intervenut fil-kawza in statu et terminis ..., kif dejjem gie ukoll ritenut fis-sistema procedurali Malti, mhux meqjus proprjament bhala parti fil-kawza... Una volta l-intervenut hu kkonsidrat li mhux parti fil-kawza, hu ma jistax bhala regola jigi liberat jew ikkundannat. Minn dan johrog li l-Qorti allura m'ghandha l-ebda obbligu tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet minnu moghtija. Dan fis-sens li mhijiex tenuta li tiddecidihom fir-rigward tieghu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghall-gudizzju, tkun qieset - kif ghandha dritt - u anke sostniet id-deduzzjonijiet tieghu. Hi pacifika d-distinzjoni fir-rwol ta' l-intervenut fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikolu 960-962). Distinzjoni Ii ssib il-qofol taghha fil-fatt Ii l-kjamat fil-kawza a differenza ta' I-intervenut hu kkunsidrat bhala konvenut u jista' 'jigi lliberat jew ikkundannat. Il-Qorti ghandha allura fil-kaz tal-kjamat fil-kawza l-obbligu li tiddeciedi u tikkonsidra l-eccezzjoni minnu moghtija.'*

Tenut dana kollu tqies ghalhekk fir-rigward ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Toninu Bartolo illi dawn ghandhom jigu michuda stante illi l-incident u d-danni inkorsi huma ghal kollox bi htija tieghu. Inoltre r-rwol tas-socjeta intervenuta ma jippermettiex li dina tigi kkundannata u konsegwentement qeghda tilqa fil-konfront tieghu it-talbiet attrici kollha b'dan li tqiesu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku riferut fir-rikors guramentat, u wara li llikwidat d-danni kif suriferit tikkundannah jhallas lil Martin Degabriele s-somma suriferita.

Dwar l-eccezzjonijiet imressqa fir-risposta guramentata tas-socjeta' Middlesea Insurance plc, l-ewwel eccezzjoni taghha sejra tigi milqugha in kwantu hija ammissjoni dwar ir-responsabbilta' tal-assigurat taghha Toninu Bartolo ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u hija kompatibbli ma' dak deciz mill-Qorti dwar ir-responsabbilta'. It-tieni u t-tielet eccezzjoni ma jimmeritawx li jigu akkolti stante li l-Qorti kkonkludiet li l-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur mhux biss gie pruvat sal-ammont deciz mill-Qorti imma wkoll li tali ammont jeccedi s-somma offruta minnha lill-attur.

Il-Qorti izda tqis li r-raba' eccezzjoni hija gustifikata u timmerita li tigi akkolta ghal dawk li huma imghaxxijiet fuq l-ewwel Eur17,000 akkordati mill-Qorti lill-attur u dan stante li s-socjeta' assikuratrici kienet ilha zmien li ddepozitat tali ammont il-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-konvenut Toninu Bartolo huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-4 t'Ottubru 2012 fi Triq Tul il-Kosta, Naxxar bejn il-vetturi bin-numri ta' registrazzjoni GMY-077 u VET-600;**

2. **Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tiddikjara li huwa sofra danni b'kawza tal-istess incident awtomobilistiku;**

3. **Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tillikwida s-somma totali ta' hamsa u ghoxrin elf seba' mija u tnejn u erbghin Ewro u sitt centezmi (Eur25,742.06);**

4. **Tikkundanna lil konvenut Toninu Bartolo sabiex ihallas lill-attur din**

is-somma hekk likwidata;

5. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Toninu Bartolo;

6. Tilqa' l-ewwel u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' ntervenuta MiddleSea Insurance plc u tichad il-bqija fil-kumplament.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut Toninu Bartolo.

L-imghaxijiet legali fuq is-somma likwidata ukoll ghandhom jithallsu mill-konvenut Toninu Bartolo jibdew jiddekorru mill-lum sad-data tal-pagament effettiv b'dana li ebda imghaxx m'ghandu jithallas fuq l-ewwel sbatax il-elf Ewro (Eur17,000) akkordati f'din is-sentenza.

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat
Dep. Reg.